MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 820/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Sharon Marie Bradley**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm242.86) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9982 8935;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm242.86) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-15 ta' April, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------